A.L. 5 ta' l-1992

ATT DWAR L-INDUSTRIJA TAL-ĦUT
(KAP. 138)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ tal-Ħut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Industrija tal-Ħut, il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bejgħ tal-Ħut, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1957 dwar il-Bejgħ tal-Ħut, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". G.N. 395 ta' l-1957.

Sostituzzjoni tar-regolament 20A tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 20A tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Għaqdiet koperativi. Kap. 278.

20A. Għaqda koperativa, reġistrata taħt l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, għandha tingħata mid-Direttur kummissjoni ta' 4.4 fil-mija tal-valur ta' ħut mibjugħ, basta l-għaqda tbiegħ minn post adattat għalhekk għas-sodisfazzjon tad-Direttur.".

Żieda ta' regolament ġdid 35A mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Ġarr ta' ħut f'kavetti.

35A. (1) Il-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jispeċifika —

(a) liema kavetti ġew approvati għall-użu fiċ-ċentri tal-bejgħ tal-ħut; u

(b) liema ħut li jidħol jew johroġ miċ-ċentri tal-bejgħ tal-ħut jista' jinġarr biss fl-imsemmija kavetti.

(2) Kull persuna li xjentement tkisser, tħassar jew tiddistruġġi kavetta msemmija fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jew li tuża dik il-kavetta għal kwalunkwe skop barra minn dak għall-ġarr tal-ħut, tkun ħatja ta' reat.".